Siġar tal-palm ċkejknin, li tħaddru dejjem
fil-qieraħ kiebi ta' nirien u rwiefen,
siġar tas-sliem li tħalltu d-dell tax-xuxa
tagħkom mad-Dell tal-ogħla Mgħallem miexi
fostkom fuq is-saltniet rgħibin tad-dinja,
qattiela ta' xulxin,—siġar wensija,
hemm fuq xi bank u taħt xi waħda min'nkom,
il-qalb li ma tixtieqx ħlief tgħix fi skietha
f'thewdin ta' Sebħ u Dawl u bla ma tisma'
tnassis u ġlied, sabitkom ta' kull lejla
u l-ġenn tad-dinja nsiet u raqdet magħkom.

A. C.

# NISEL U TIFSIR IL-KLIEM

## ITTAWWAL

Għalkemm dal-verb fil-għamla tiegħu jixbah lill-verb *twâl*, madankollu mhux ġejj minnu u anqas għandu x'jaqsam miegħu. Fil-Għarbi hemm il-verb *tall* li fir-raba' sura *atall* ifisser *ittawwal*. Iżda kif jista' verb moħfi jitnissel minn verb trux? Il-verbi torox u l-verbi moħfijin fl-ewwel nisel semi tagħhom jixxiebħu għall-aħħar, hekk *qâm* mhux ħaġa oħra ħlief *qa-am*, jiġifieri *qam* bil-vokali mtennija jew twila; u l-verb *radd* mhux ħlief *rad-d*, bit-tieni konsonanti mtennija. Mela fil-bidu tagħhom dawn il-verbi ma jingħażlux, iżda maż-żmien x'uħud minnhom tawwlu l-vokali u saru verbi moħfijin; oħrajn tawwlu l-konsonanti u saru verbi torox. La darba hu hekk mhix ħaġa kbira li dawn il-verbi jinbidlu fit-tiswir tagħhom. U tabilħaqq fil-lhudi mhux dejjem nistgħu nagħżlu u nagħarfu nisel il-verb, hux moħfi jew trux.

Hekk naħseb li l-verb *tall* sar *tâl*, u minn *tâl* tnissel *ittawwal*, u hekk naraw li *tall*, *tâl*, *twil*, *ittawwal* għandhom fl-ewwel bidu tagħhom nisel wieħed. U dan jidher aħjar fil-verb *sabb* li fil-Malti u fil-Għarbi għandu żewġ għamliet *sabb* u *sawwab* iżda tifsira waħda. Is-sura ta' *sawwab* ġejja minn *sâb*, iżda t-tifsir tiegħu le: għalhekk għandna ngħidu



li *sawwab* ġejj minn *sabb*=*sâb*. Verb ieħor malti li issa jimxi mal-verbi moħfijin, u issa mal-verbi torox hu l-verb *mâr* li ġejj mill-Għarbi *marr*. Tassew li fil-Għarbi hemm ukoll il-verb *tmawwar* li jfisser *ġejj u sejjer*, iżda naħseb li dan imnissel minn *marr* u mhux minn *mâr*.

## IDDEN, STIEDEN

Fil-Għarbi l-verb *adden* ifisser *sejjaħ għat-talb*, u *muweddin* igħidulu dak ir-raġel li ta' kulljum igħajjat u jsejjaħ il-misilmin għat-talb. Il-*muweddin* tagħna hu s-serduk li kull fil-għodu bil-għajat tiegħu donnu jqajjem in-nies rieqda u jsejjħilhom għat-talb u għax-xogħol. Ghalhekk il-verb Malti *idden* hu l-verb Għarbi *adden*.

U *adden* hu t-tieni sura ta' *aden* li fil-għaxar sura jagħmel *stieden* = *issejjaħ għal għandek*. Iżda l-verb *stieden* ma għandux din it-tifsira u la fil-Għarbi l-qadim u l-anqas fil-Għarbi tal-lum, barra minn Tunes.

## ISSA

Żewġ kelmiet mgħaqqdin u mqassrin f'waħda, *is-siegħa*, jiġifieri *din is-siegħa*. L-artiklu hawn isarraf ta' *pronom dimostrativ* bħalma wkoll fil-kliem *il-lum* = *dan il-jum*, *is-sena* = *din is-sena*. Fil-Għarbi ma teħux artikolu (1).

## JEKK

Għalxejn infittxu fil-Għarbi din il-kelma. Mnejn hi ġejja mela? Stumme (2) u Nöldeke (3) miegħu jnissluha mill-kelma *hekk* li saret l-ewwel *ekk*, inbagħad *jekk*. Iżda jien naħseb li *jekk* ġejja minn *kân*, bħalma jgħidu f'ħafna djaletti Għarbin. *Kân* tqassret u saret *kâ* u għalhekk ingħidu : *k'int tmur*, *k'trid* jiġifieri *jekk int tmur*, *jekk trid*. Għall-ħlewwa tal-ħoss il-klejma *k'* rabtet fil-bidu tagħha l-vokali tal-għajnuna *e* u saret *ek* jew *ekk*. Il-kelma *ekk* inbagħad ħadet iż-żjieda *j* u saret *jekk*, sew bħalma *ew* issir *jew*, *âna* issir *jiena*, *asar* issir *jasar*.

Li l-kelma *jekk* ma għandhiex x'taqsam ma' *hekk*, imma ma' *kân*, jidher mill-kelma *inkella* jew *inklele* bħalma jgħidu x'uħud, li hi msawwra mill-kliem *in kân le*=*jekk le*.

**Sajdun.**

1. Fit-taljan ukoll il-kelma *ora* tfisser *siegħa* u *issa*.
2. *Maltesische Studien*, faċċ, 107, 108.
3. *Wiener Zeitschrift für die Kunde des Morgenlandes*. faċċ.377, tifsira 2; iżda fiz-*Zeitschrift der Deutschen Morgenländischen Gesellschaft*, vol. 58, faċċ. 916, kellu fehma oħra.